Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 74/2008/1

**Alka Ceramics Limited [C-5529] (appellata)**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Limited proprio (socjeta appellanti) u fil-kapacita' taghha bhala l-agent tas-socjeta' estera Ignazio Messina & C. u Bernard Sultana li b'digriet ta' l-10 ta' April 2008 gie nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrappresenta l-interessi tas-socjeta' estera Ignazio Messina & C.**

28 ta' April, 2017.

Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Frar, 2008, il-kumpannija attrici talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuha d-danni li jigu likwidati mill-Qorti rapprezentanti danni subiti minnha in konnessjoni ma' trasport ta' materjal ordnat minnha mill-esteru u dana skond *bills of lading* bin-Numri G0749087, G0749095 u G0749127 rispettivament u liema materjal gewwa l-*container* irrizulta li kien iddanneggjat hekk kif wasal Malta u dana unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parte taghhom jew min minnhom, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2007, kontra l-intimati jew min minnhom;

S. Mifsud & Sons Limited wiegbet:

> *"(i) preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;*
> *(ii) fejn jirrigwarda lilha ma hemm ebda danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici ghandha ggib prova ta' tali danni ai termini tal-Ligi;*
> *(iii) hija ma hijiex responsabbli ghad-danni allegatament subiti mis-socjeta' attrici u ghalhekk m'hemmx lok ghal kundanna ghall-hlas ta' danni; u*
> *(iv) il-garr tal-merkanzija in kwistjoni kien qed isehh taht il-kondizzjonijiet tas-CMR Convention u ghalhekk ghandhom japplikaw ir-regoli ta' l-istess konvenzjoni;"*

Ignazio Messina & C. wiegbet illi:

*"(i) preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-imsemmija socjeta' attrici u s-socjeta' estera Ignazio Messina & C.;*
*(ii) fejn jirrigwarda s-socjeta' estera Ignazio Messina & C. ma hemm ebda danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici ghandha ggib prova ta' tali danni ai termini tal-Ligi;*
*(iii) is-socjeta' estera Ignazio Messina & C. ma hijiex responsabbli ghad-danni allegatament subiti mis-socjeta' attrici u ghalhekk m'hemmx lok ghal kundanna ghall-hlas ta' danni; u*
*(iv) il-garr tal-merkanzija in kwistjoni kien qed isehh taht il-kondizzjonijiet tas-CMR Convention u ghalhekk ghandhom japplikaw ir-regoli ta' l-istess konvenzjoni;"*

Permezz ta' sentenza moghtija fil-11 ta' Frar, 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet:

"[...] *taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Kuratur Deputat Bernard Sultana li qed jirraprezenta l-interessi tad-ditta estera Ignazio Messina & C. u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju b'dana li mhux se tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-imsemmi Kuratur Deputat, tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta S. Mifsud & Sons Limited u tikkundanna lill-imsemmija socjeta' konvenuta S. Mifsud & Sons Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €6,098.90, bl-imghax legali dekoribbli mis-26 ta' Marzu, 2008, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lis-socjeta' konvenuta S. Mifsud & Sons Limited, sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri – hlief ghal dawk relattivi ghall-Kuratur Deputat Bernard Sultana li qed jirrapprezenta l-interessi tas-socjeta' estera Ignazio Messina & C. – u l-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2007, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-imsemmi Kuratur Bernard Sultana li qed jirrapprezenta l-interessi tad-ditta estera Ignazio Messina & C. ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici;"*

Illi minn din is-sentenza appellat il-kumpannija intimata S. Mifsud & Sons Limited proprio u fil-kapacita' taghha bhala l-agent tas-socjeta' estera Ignazio Messina & C., fejn hasset ruhha aggravata bis-sentenza appellata u l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:

1. Il-kuntratt bejn l-attrici u s-socjeta' appellanti S. Mifsud & Sons Limited u l-involviment tas-socjeta' appellanti l-ohra Ignazio Messina & C.;
2. Ir-responsabbilita' li tohrog minn tali kuntratt ta' garr;
3. L-apprezzament tal-fatti rigward il-hsara kkawzata u n-ness bejn il-kawza u l-effett;

4. Il-kundanna ghall-hlas ta' mghax b'effett mid-data tan-notifika tar-rikors promotur;

Fil-21 ta' Marzu, 2016 l-attrici pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Il-qorti qrat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

1. Il-kawza titratta dwar danni li l-attrici qalet li sofriet f'merkanzija li ngiebet minn barra minn Malta u li kienet tinsab f'container. L-attrici kienet inkarigat lis-socjeta appellanti sabiex il-merkanzija tingieb Malta. Minn rapport ta' General Marine Services & Consultancy Ltd datat 4 ta' April, 2007 irrizulta li fil-container bin-numru LMCU 1074260 kien hemm merkanzija li saritilha l-hsara. Fih jinghad:

   *"It is quite evident that Container No. LMCU 1074260 suffered heavy impact damages during transit as can be ascertained from the condition of the container and the heavy shifting found of the cargo inside when relative container was opened at consignees"*.

   Permezz ta' ittra datata 20 ta' Marzu, 2007 l-appellanti cahdet responsabbilta' ghad-danni ghar-raguni li, *"the consignment was packed and duly sealed in a container by shipper or his representative"*.

2. **Fl-ewwel aggravju** l-appellanti ssostni li fil-qadi tal-inkarigu taghha kienet qeghda semplicement tagixxi bhala agent ta' Ignazio Messina & C li qalet li hu principal taghha. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

   i. Fil-quotation li ntbaghatet lill-attrici (5 ta' Frar, 2007) m'hemmx dikjarat li l-appellanti qeghda tagixxi bhala agent ta' Ignazio Messina & C. Il-kliem *"Service: I. Messina & C"* f'dak id-dokument ma jistghux iservu bhala xi prova cara li s-socjeta konvenuta kienet qeghda tagixxi biss bhala agent u li l-attrici kellha tkun taf b'dak il-fatt. Inoltre, ghalkemm fl-istess dokument jinghad ukoll, *"All business carried out by our company is subject to our standard terms and conditions of trading, a copy of which is available upon request"*, mhux maghruf x'inhuma l-kundizzjonijiet.

ii. Il-fatt li kien hemm drabi ohra meta l-attrici nqdiet bis-servizzi tas-socjeta konvenuta ma jfissirx li kienet infurmata li l-kumpannija konvenuta qeghda tagixxi biss bhala agent.

iii. Mill-*bill of ladings* li hemm fl-atti ma jirrizultax li s-socjeta appellanti kienet l-agent ta' Ignazio Messina & C.

iv. Hu veru li fl-ittra tal-20 ta' Marzu, 2007 li biha l-appellanti cahdet responsabbilta ghall-incident, iddikjarat li kienet *"As Agents for M.V. Astrid"*, pero' dan ovvjament kien wara l-incident.

v. Fit-twegiba li s-socjeta konvenuta pprezentat quddiem l-ewwel qorti (fol. 19), ma ddefenditx ruhha fis-sens li hi kienet qeghda tagixxi biss bhala agent. Hu minnu li qalet:

*"2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suecepit fejn jirrigwarda lill-istess esponenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur min qed jaghmel it-talba……*

*3.Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit l-esponenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-process tal-kawza u ghalhekk m'hemmx lok ghall-kundanna tal-esponenti ghall-hlas tad-danni"*.

Hu fid-dmir tal-konvenut li meta jaghti eccezzjoni jkun car f'dak li jrid ighid. Il-qorti zzid ukoll li f'dan il-kaz is-socjeta appellanti lanqas biss ma ndenjat ruhha tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet minkejja li nghatat kwazi seba' (7) xhur biex tipprezentaha (ara verbali tas-16 ta' Mejju u 13 ta' Ottubru, 2011). L-ewwel qorti ma kellha l-ebda obbligu li tfittex x'seta' kien il-hsieb wara l-imsemmija eccezzjonijiet. Kien fid-dmir tal-konvenuta li mill-bidunett tal-process taghmel il-posizzjoni taghha cara.

Dan apparti li l-qorti ssibha ferm stramba kif fl-appell ir-rikorrenti qalet li kienet biss agent ta' Ignazio Messina & C, meta Bernard Sultana li b'nota prezentata fil-5 ta' Marzu 2008 iddikjara li hu rapprezentant tas-socjeta S. Mifsud & Sons Limited, ipprezenta twegiba ghan-nom ta' Ignazio Messina & C fejn preliminarjament qal:

*"1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt…. billi ma hemm(x) relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-esponenti noe"*.

Il-qorti ma tifhimx kif l-attrici ssostni li fin-negozju mal-attrici agixxiet biss bhala agent ta' Ignazio Messina & C. meta l-ufficjal taghha stess

tal-appellanti ta eccezzjoni li m'hemmx relazzjoni guridika bejn Ignazio Messina & C. u l-attrici.

vi. Paul Agius, deputy general manager tas-socjeta konvenuta xehed:

> *"Ahna **noffru servizzi tat-trasport lill-importaturi Maltin** u naghtuhom anki r-rati ghall-freight sabiex huma jkunu jistghu jgibu l-containers bil-merkanzija taghhom"*.

Fatt li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li s-socjeta konvenuta topera wkoll bhala *principal contractor* u mhux biss bhala agent ta' *carriers*.

vii. Ma tressaq l-ebda xhud ta' Ignazio Messina & C li kkonferma li s-socjeta konvenuta kienet qeghda tagixxi biss bhala agent taghha.

viii. Hu veru li l-attrici harrket ukoll li Ignazio Messina & C. Madankollu dan il-fatt ma jfissirx li fiz-zmien li sar in-negozju kienet taf li l-appellanti qeghda tagixxi biss bhala agent. Li kien rilevanti hu li ssir prova cara li meta sar in-negozju bejn l-attrici u S. Mifsud & Sons Limited, l-attrici kient infurmata li s-servizz li taghti l-konvenuta kien biss bhala agent tal-*carrier* u mhux bhala *principal contractor*. Fil-fehma tal-qorti din il-prova ma saritx.

ix. Jekk imbaghad ghall-grazzja tal-argument kellu jigi accettat li l-attrici kienet agent, dan pero' kien tal-attrici. Kienet l-attrici li nkarigata sabiex tiehu hsieb li l-merkanzija titwassal Malta. Bhala tali kellha l-obbligu li tissalvagwardja l-interessi tal-attrici. Haga li zgur li m'ghamlitx mill-fatt li wara li nqala' l-kaz hadet il-posizzjoni tas-*subcarrier* li nkarigat hi biex twettaq l-inkarigu li nghatat mill-attrici. Dan ukoll kien bizzejjed biex jirrendi lill-appellanti responsabbli.

x. Jidher li s-socjeta konvenuta lanqas biss taf xi trid. It-talba li ghamlet fir-rikors tal-appell hi sabiex din il-qorti tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti, fis-sens li *"tirrevokaha fil-konfront tal-appellanta S. Mifsud & Sons Limited pro noe billi tilliberaha u tichad it-talbiet tal-appellata, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti S. Mifsud & Sons Limited **u tikkonfermaha mill-bqija** bl-ispejjez taz-zewg istanzi interament kontra l-appellanti"*. Il-logika tiddetta li jekk fin-negozju l-appellanti verament agixxiet bhala agent ta' Ignazio Messina & C bhala *carrier*, kienet tappella minn dik il-parti tas-sentenza li lliberat lil Ignazio Messina & C mill-osserva tal-gudizzju u mhux titlob lil din il-qorti biex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza.

Fic-cirkostanzi l-aggravju hu michud.

3. **Fit-tieni aggravju** intqal li dak li jirregola l-kuntratt ta' garr huma tlett *bills of lading* li fi klawzola numru 10 jipprovdu:

*"said to contain, Shipper's pack Load, stow and count conditions quality and quantity of the goods not checked by carrier"*.

Skont l-appellanti l-obbligu tal-carrier *"… dmiru hu biss biex jittrasporta (differenti minn freight forwarders)"*. F'dan ir-rigward ghamlet riferenza ghal dak li xehed Paul Agius:

> *"Jiena mbaghad kellimt mal-Principals taghna fir-rigward tal-hsarat li kien hemm fl-affarijiet u anki kont bghattilhom xi ritratti. Ir-risposta minghand il-Principals taghna kienet essenzjalment riferenza ghall-klawzola Numru 10 tal-bills of lading u biex nistennew u naraw x'ser jigri. Eventwalment is-socjeta attrici fethet dawn il-proceduri… il-materjal ma nistivawhx ahna fil-container"*.

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

i. M'hemmx provi li l-hsara li saret lill-merkanzija kienet minhabba l-mod kif tghabbiet il-merkanzija. Hu minnu li fl-atti m'hemmx taghrif ta kif sehh l-incident li fih il-container LMCU 1074260 garrab hsara. Madankollu, Joan Haber ufficjal tas-socjeta attrici, xehedet:

> *"Il-container bhala tali kien jidher li ha daqqiet kbar, qisu ha xi daqqa kbira jew waqa', ghax kellu hsarat fil-qiegh u fil-gnub li kollha deheru daqqiet friski. Gol-container jiena osservajt viti mahrugin, injam imkisser, imcaqlaq kif ukoll travu li suppost ikun fin-nofs mitfuh fil-gemb. It-tafal minkejja li kien fuq il-pallets kien qed jigi f'boroz ta' 25 kilos. Hafna minn dawn il-boroz iccaqalqu minn posthom, waqa mal-art fuq il-merkanzija. Dan l-ghaliex it-tafal ikun trasportat f'bococ zghar f'boroz ta' 25 kilos. Il-lampshades spiccaw kollha mghaffgin taht it-tafal jew taht il-pellets"*.

Mis-*survey report* il-qorti tkompli ssahhah il-fehma li l-hsara grat minhabba d-daqqa kbira li qala' l-cotainer. F'dan ir-rigward Paul Agius, ufficjal tas-socjeta appellanti, xehed:

> *"Qed nigi muri r-rapport ta' Paul Ellul a fol. 58 tal-process u nghid illi naqbel mal-fatti kif imsemmija minn Paul Ellul….."*

Sahansitra Paul Ellul xehed:

> *"Meta mort fuq il-post u bdejt naghmel is-survey u bdejt nirrealizza l-gravita tal-hsara, kif ukoll illi **l-container kellu l-art maqlugha"***.

Il-qorti ghandha l-istess fehma bhall-ewwel qorti li mir-ritratti li hemm fl-atti jirrizulta li l-hsara li d-daqqiet li qala' l-container kienu *'sinifikattivi'*.

Ghaldaqstant, ghall-qorti hu car daqs il-kristall li l-hsara li garrbet il-merkanzija fil-container kienet minhabba d-daqqiet li qala' l-container.

ii. Jidher li l-konvenuta qeghda tinsa li l-attrici nkarigata sabiex tigbor il-merkanzija minghand is-suppliers tal-merkanzija. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-emails a fol. 129-130. Fil-fatt f'email datata 13 ta' Frar, 2007 li Nadia Haber (tal-attrici) baghtet lil Jennifer Camilleri (tas-socjeta konvenuta) jinghad:

*"Dear Ms Camilleri,*

*With regards to quote 2008, we will be shipping with you. There will be 1 pick-up but there are 3 suppliers. The goods are ready – I only need to inform the suppliers when the goods will be collected to make sure that all the goods are at the location of pick-up in time"*.

Min-naha taghha s-socjeta konvenuta baghatet stima riveduta (fol. 129). Dakinhar stess Nadia Haber baghtet email ohra lil Jennifer Camilleri fejn qaltilha:

*"Dear Jennifer,*

*Below are the details for the other pick-up from Firenze. As I explained to you on the phone, it is very important that the first pick-up is from Colorobbia since goods collected here will be clay and the shades from F.P.N. can then be stacked on top of the clay"*.

F'dan ir-rigward, Paul Agius ukoll xehed:

*"(….) fil-kaz tas-socjeta attrici din id-darba talbitna jekk ikunx possibbli fejn il-container jintela' minn diversi postijiet u f'dan il-kaz partikolari kien hemm li l-ewwel jingabar il-container minn post bil-merkanzija, imur fit-tieni post u minn hemmhekk jigbor ix-xoghol ta' zewg suppliers u mhux ta' wiehed biss"*.

Inoltre fir-rapport ta' Paul Ellul jinghad:

*"The terms of shipments of the three consignments were EX-Works so that S. Mifsud & Sons Limited*[1] *were responsible to the loading and storage of the goods inside the container…."*

Ghalhekk hu evidenti li s-socjeta konvenuta kienet direttament involuta fir-rigward tat-taghbija u vjagg tal-merkanzija minn Firenze.

iii. Il-*bill of lading* fejn hemm klawzola 10 kien ikopri l-vjagg bil-bahar minn Genova sa Malta bil-bastiment Astrid. Pero' l-merkanzija kellha tingieb minn Firenze sa Malta. Inoltre, il-*bill of lading* hu ta' Ignazio Messina & C u mhux tal-konvenuta.

iv. Fit-tieni aggravju l-appellanti qalet ukoll:

*"Illi johrog car li l-kuntratt li gie konkluz mal-attrici kien wiehed ta' garr permezz ta' container u mhux freight forwarding, permezz ta' trailer…..*

*Fl-umli opinjoni tal-esponent jidher li mis-sentenza kien hemm mumenti fejn l-ewwel Qorti kkonfondiet garr permezz ta' container ma' wiehed ta' freight forwards ossia permezz ta' trailer"*.

Pero' fis-sentenza tal-ewwel qorti ma jissemmiex *freight forwarder*. Inoltre, jekk persuna tkunx tat servizz ta' *freight forwarder* jew le ma jiddependix minn jekk il-merkanzija ngarritx fuq container jew trailer.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellanti m'ghandhiex jedd tinqeda bil-klawzola 10 tal-*bill of lading* sabiex tipprova tahrab mir-responsabbilta.

4. Fit-tielet aggravju s-socjeta konvenuta ssostni li meta l-vapur wasal Malta il-carrier ikun hatt il-container max-xatt u minn hemm in-nies tal-port u l-burdnar tal-attrici jkun ha l-pussess tal-container. Inoltre, argumentat li l-hsara saret minhabba l-mod kif giet stivata l-merkanzija fil-container.

   Il-qorti taghmel riferenza ghal dak li diga' nghad fir-rigward tat-tieni aggravju, u zzid:

   i. Il-qorti ma tifhimx kif l-appellanti tikkontesta r-rapport ta' Paul Ellul ghal dawk li huma fatti, meta Paul Agius stess (*deputy general manager*) xehed li jaqbel mar-rapport ghal dak li huma fatti, hlief li *"(….) l-materjal ma nistivawhx ahna fil-container"*.

[1] Fil-*quotation* li harget l-appellanti jinghad: *"Terms: Exwks Firenze up to FO Malta"*.

ii. Dak li jinghad fit-*tally sheet* m'huwiex xi prova *juris et de jure* li fil-mument li l-container nhatt minn fuq il-bastiment, ma kienx hemm hsara fil-merkanzija. It-*tally sheet* (fol. 132) semplicement telenka l-merkanzija li tnizzlet minn fuq il-bastiment Astrid, li f'dan il-kaz jidhru li kienu *containers*. Il-konvenuta ma harrkitx lit-tally clerks li ffirmaw dak id-dokument sabiex tistaqsihom jekk waqt li kien qieghed isir il-process ta' tallying kinux spezzjonaw il-container minn barra. Id-dokument m'huwiex xi prezunzjoni li jekk sar f'dan il-kaz.

iii. M'hemmx prova li kif inhatt il-container (3 ta' Marzu 2007) ghadda fil-pussess ta' burdnar inkarigat mill-attrici u dam ghandu sat-8 ta' Marzu, 2007 li hi d-data meta kien ikkonsenjat lill-attrici. Paul Agius xehed:

> *"Irrid inzid ukoll illi meta l-container wasal il-port kif ga ghidt qabel dam hamest ijiem hemmhekk u tul dawn il-hamest ijiem seta' ccaqlaq minn post ghall-iehor min-nies tal-port stess"*.

Pero' m'hemmx l-ebda prova li ccaqlaq. Il-qorti ma tiddecidix fuq x'seta' gara izda fuq fatti.

iv. Fl-ittra tas-socjeta konvenuta tal-20 ta' Marzu, 2007 qatt ma semmiet li l-hsara kienet grat wara li l-container inhatt minn fuq il-bastiment. Dan hu argument gdid li l-appellanti pproponiet waqt l-appell. Minn dak li xehed Paul Agius, li kien l-uniku xhud tal-appellanti, hu evidenti wkoll li m'ghamlet l-ebda ricerka dwar f'liema stadju tat-tragit saret il-hsara fil-merkanzija. Fil-fatt qal: *"Ahna m'ghamilna l-ebda forma t'investigazzjoni fuq dan il-kaz"*. Ghaldaqstant, it-tezi dwar x'seta' gara lill-container wara li nhatt minn fuq il-vapur hi dghajfa.

v. Bil-mod li argumentat l-appellanti ikun ifisser li hekk kif il-container kien fuq il-moll, ma kinitx iktar responsabbli. Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. M'hemmx prova li l-inkarigu li nghatat kien jieqaf hekk kif il-container jinzel fuq il-moll.

Dan l-aggravju hu wkoll michud.

5. L-ahhar aggravju jitratta dwar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti kkundannat lill-konvenuta thallas l-imghax, *"**mis-26 ta' Marzu 2008, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur** lis-socjeta konvenuta S. Mifsud & Sons Limited, sad-data tal-effettiv pagament"*. L-appellanti ssostni li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza gialadarba fir-rikors promutur l-attrici ma talbitx il-hlas ta' somma determinata.

Il-principju generali hu li *illiquidis non fit mora*, ghalkemm kien hemm kazijiet meta l-qrati m'applikawx dan il-principju meta per ezempju kien hemm ammissjoni ta' responsabbilta (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), **Anthony Buhagiar proprio et nomine vs Edward Scerri**, 30 ta' Marzu, 2001. Ir-riferenza ghas-sentenza **Francis X. Aquilina vs Mamo nomine** tal-istess qorti tad-19 ta' Novembru 2001 ma tghinx lill-attrici ghaliex ic-cirkostanzi kienu differenti:

> *"B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma `kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat"*.

Fil-kaz in ezami l-appellanti kkontestat ir-responsabbilta, kif kellha dritt li taghmel. Dan ma kienx kaz ta' dejn cert. Il-qorti tosserva wkoll kif fir-rikors promotur l-attrici ma talbitx imghax, u madankollu l-ewwel qorti kkundannat lill-appellanti thallas l-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.

Ghaldaqstant, dan l-aggravju qed jintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-appell parzjalment u tvarja s-sentenza tal-11 ta' Frar, 2016 fis-sens li l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar.**
2. **Tichad il-kumplament tal-appell.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 9/10 ghall-appellanti u 1/10 ghall-appellata.**

Anthony Ellul.